MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 23/2010

**Tony Grixti**

**-vs-**

**Claudette Cutajar u Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b'digriet tal-5 ta' April 2010 ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal tal-mejjet Daniel Cutajar**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2010 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti jinnegozja fil-*wines and spirits*.

2. Illi r-rikorrenti għal dawn l-aħħar snin kien fuq bażi regolari, ibiegħ u jikkonsenja merkanzija lil Daniel Cutajar, liema Daniel Cutajar kien jiġġestixxi *bar* bl-isem

*“Speak Easy”*, u liema Daniel Cutajar miet fil-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Novembru 2009, u dan kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt anness u mmarkat bħala Dok. TG1;

3. Illi sad-data tal-mewt ta’ Daniel Cutajar, ir-rikorrenti kien għad fadallu jitħallas l-ammont ta’ erbatax-il elf, erba’ mija u erbgħa u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-Ewro [€14,484.88] rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta’ merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lil Daniel Cutajar matul il-perijodu Mejju 2007 sa Ġunju 2009, u dan kif jidher mill-i*statement of account* [Dok. TG2] u l-*invoices* relattivi;

4. Illi l-imsemmi Daniel Cutajar kien dejjem iħallas lir-rikorrenti *‘on account’* u l-aħħar pagament *‘on account’* ġie magħmul fl-14 ta’ Settembru 2009;

5. Illi l-intimata Claudette Cutajar hija mart l-imsemmi Daniel Cutajar u dan id-dejn ġie magħmul waqt iż-żwieġ tal-konjuġi Cutajar u għalhekk jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ġja’ eżistenti bejn il-konjuġi Daniel u Claudette Cutajar;

6. Illi l-intimati *nonostante* li ġew debitament interpellati mir-rikorrenti anke permezz ta’ ittra uffiċjali datata 10 ta’ Diċembru 2009 [Dok. TG3] baqgħu inadempjenti;

7. Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati ma għandhom ebda eċċezzjoni x’jissollevaw kontra l-pagament tal-istess;

8. Illi għaldaqstant, għal dawn il-proċeduri huma applikabbli d-dispożizzjonijiet għad-dispensa mis-smiegħ tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Għaldaqstant jgħidu l-intimati għaliex dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex tiddeċiedi billi:

1. Tiddeċiedi l-kawża u tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf, erba' mija u erbgħa u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-Ewro [€14,484.88] rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lil Daniel Cutajar, bl-imgħaxijiet ulterjuri mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Diċembru 2009 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2051/2009 u bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' ċessjoni ppreżentata fl-14 ta' April 2010 mill-attur li permezz tagħha ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenuta Claudette Cutajar għalkemm żamm ferm l-azzjoni tiegħu fil-konfront tal-kuraturi tal-wirt battal tal-mejjet Daniel Cutajar, u jekk ikun il-każ għall-werrieta tiegħu;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi nomine illi permezz tagħha ddikjaraw illi m'humiex edotti mill-fatti;

Rat l-affidavit tal-attur u d-dokumenti esebiti minnu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba attriċi ma ġietx kontradetta u għalhekk tirriżulta;

**Għaldaqstant, filwaqt illi tastjeni li tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba fil-konfront tal-konvenuta Claudette**

**Cutajar *stante* ċ-ċessjoni fil-konfront tagħha, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kollha kif dedotti kontra l-konvenut kif rappreżentat, l-ispejjeż tal-kawza jitħallsu mill-istess konvenut; madankollu l-attur għandu provviżorjament iħallas l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------